9 ta' Diċembru, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paolo Micallef

**Karrozza — Assikurazzjoni — Art. 4 (4) tal-Kap. 165.**

*Il-liġi dwar l-assikurazzjoni tal-karrozzi tal-mutur għar-riskji tat-terzi persuni trid li l-karrozza tkun assikurata fil-waqt li tiġi użata; u l-polza ta' l-assikurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' dik il-liġi kemm il-darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assikuratur awtorizzat, favur il-persuna li ħadet il-polza, iċ-ċertifikat fil-forma stabbilita.*

*Għaldaqstant, min juża karrozza mingħajr ma jkollu dak iċ-ċertifikat jikser il-liġi żorta waħda, avvolja jkun ġà ftiehem bil-kliem ma' l-assikuratur dwar l-assikurazzjoni.*

Il-Qorti. — Fuq l-imputazzjoni talli fis-26 ta' Awissu, 1949, l-akkużat kera l-motor car no. 3534 bħala "self-drive"

meta hija liċenzjata bħala "private", u ppermetta li l-istess tiġi wżata fit-triq mingħajr il-polza tas-sikurtà jew il-garanzija dwar riski ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza nru. XXXVI ta' l-1939, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-18 ta' Ottubru 1949 l-akkużat ġie kundannat għal £5 multa u ġiet ordnata s-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tliet xhur;

L-imputat appella mis-sentenza kollha;

Il-Qorti..............., ikkunsidrat;

Li l-karrozza in kwistjoni kienet oriġinarjament assikurata kif trid il-liġi, iżda l-polza skadiet fit-3 ta' Awissu 1949; u għalkemm l-imputat avża lill-aġenzija tas-sikurtà li ried iġedded l-assikurazzjoni, u l-aġent qallu li kollox sewwa, filfatt id-dokument tat-tġeddid ta' l-assikurazzjoni ma ġiex maħruġ mill-aġent qabel id-9 ta' dax-xahar, għax l-imputat kien għadu ma ħallasx;

Li l-liġi trid li l-karrozza tkun assikurata meta tiġi wżata, u skond l-art. 4 (4) ta' l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riski tat-Terzi Persuni (Kap. 165) il-polza ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assikuratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza ċ-ċertifikat fil-forma stabbilita. Dana jfisser li mhux biżżejjed li sid il-karrozza jkun miftiehem bil-kliem, iżda jeħtieġ iċ-ċertifikat ta' sikurtà ġa maħruġ. Fil-każ ta' l-imputat, iċ-ċertifikat kien għadu ma ġiex maħruġ, u għalhekk il-kontravvenzjoni saret, għax il-liġi ġiet miksura. Skop evidenti tal-liġi huwa li tipproteġi lit-terzi persuni minn kull xorta ta' tkewwil da parti ta' sid il-karrozza u ta' l-assikuratur meta tiġri xi ħsara; u għalhekk hemm bżonn li kollox ikun ċar u in regola;

Irriżulta li l-karrozza kienet liċenzjata għall-kiri bħala "private", fil-waqt li ġiet mogħtija lil bniedem li talab karrozza, u ġiet mogħtija lilu biex isuqha hu stess, kif effettivament għamel;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.